**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 246 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rene' Stivala)**

**vs.**

**Aaron Charles Zahra**

Illum, 23 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Aaron Charles Zahra, ta' 32 sena, bin Mariano u Mary Grace nee Formosa, imwieled Pieta, fit-28 ta' Gunju 1981, u li joqgħod f' 46, Dana, Flat 1, Triq iz-Zinzel, Qormi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 378581M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula d'riżoluzzjoni waħda;

1. fil-24 ta' Ottubru 2010, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, agħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro **(€ 5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;
2. fil-24 ta Frar 2011, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa

b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, agħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest elef ewro **(€ 5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji oħra;

3. fit-3 ta' April 2012, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn hamest elef ewro **(€ 5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Citadel Insurance Agency Limited, Victoria Insurance Agency, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

4. aktar talli fis-17 ta' April 2010, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn hamest elef ewro **(€ 5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

5. u aktar talli f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

6. u aktar talli f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tikseb għalik innifsek jew għall-ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mħux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hinn, jew għarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu;

7. u finalment talli rrendejt ruhek recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jiġu mibdula.

Rat li l-prosekuzzjoni fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2016 irtira r-raba' imputazzjoni.[1]

[1] Folio 10 ta' l-atti processwali

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 188 (2), 295, 308, 309, 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Aaron Charles Zahra **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u, ikkundannatu ghal hames (5) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas dak iz-zmien kollu li l-imputat gja' ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti ordnat li ai termini ta' l-artikolu 392 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Aaron Charles Zahra minnu pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha :

1. Tilqa l-ewwel aggravju u tiddikjara nulla s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti;
2. Alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien tal-htija dwar l-imputazzjonijiet li jidhru fuq l-akkuza bin numri 1, 2, 5 u 6, filwaqt li thassar l-istess sentenza fil-bqija taghha nkluz fejn ikkundannatu ghal hames (5) snin priguenrija u tghaddi biex tiddikjara l-esponent mhux hati tal-bqija tal-akkuzi u tirriforma l-piena billi timpani wahda akter miti u ridotta u li taghmel tajjeb ghal kaz.

Rat illi l-esponent hass ruhu aggravat b' tali sentenza u interpona umli appell.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti**:

1. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija manifestament nulla u dan peress illi kif jidher mill-istess l-esponent gie misjub hati u kkundannat ghall-akkuza li qatt ma' kienet ingiebet kontra tieghu, u fejn allura tali akkuza qatt ma' kienet giet mahlufa mill-ufficjal prosekutur u wisq aktar l-esponent qatt ma' kien wiegeb ghaliha fl-istadju tal-ezami tieghu kif ikontemplat fl-artikoli 390 u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent hawnhekk jirriferi ghal dik li fis-sentenza appellate tidher bhala l-imputazzjoni numru 4 u li testwalment a fol.188 tal-atti taqra hekk:

*"aktar talli fis-17 ta' April 2010, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hamest elef ewro* **(€ 5,000)** *ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra; "*

Illi minn semplici qari tal-akkuzi migjuba kontra l-esponent li jinsabu a fol. 1 tal-atti, u liema akkuzi gew ipprezentati mil-ufficjal proskeutur fis-17 ta' Settembru 2015 u addirittura mahlufa mil-istess ufficjal proskeutur fil-21 ta' Marzu 2016 minn imkien ma' tidher li qatt ma' kien hemm akkuza ta' frodi li sehhet fis-17 ta' April 2010.

Illi huwa minnu illi originarjament ir-raba akkuza kienet wahda ta' tentattiv ta' qliegh b' qerq pero din kienet giet irtirata qabel ma' giet mahlufa l-akkuza pero f' ebda waqt qatt ma' kienet giet mizjuda l-akkuza numru erbgha li tidher fis-sentenza appellata.

Illi huwa ghalhekk ben evidentI illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija manifestament nulla ghar-ragunijijet suesposti.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-generalita ta' l-ewwel aggravju, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghat qatt issib htija dwar it-tielet imputazzjoni u dan nonostante l-ammissjoni u dan fuq skorta u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 392A(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B' mod aktar specifiku l-artikolu 392(A)(3) ighid hekk:

> *"Izda, meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat kienx gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-qorti ghandha, ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr li hu hati, tordna li l-proceduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem bhallikieku l-akkuzat ma wegibx li hu hati".*

Illi fl-umli fehma tal-esponent, huwa ferm evidenti illi mill-atti l-atti processwali jirrizulta b' mod car illi l-esponent ma' kien igorr ebda responsabilta u ma' kellu ebda involvement fil-fatti sottostanti ghall-akkuza numru 3 u cioe' dik ta' frodi a dannu ta' Citadel Insurance Agency Limited u Victoria Insurance Agency li sehh fit-3 ta' April 2012.

Illi kemm mix-xiehda tal-Ispettur Arthur Mercieca, tal-Ispettur Rene' Stivala kif ukoll ta' Jennifer Gatt in rappresentanza ta' Citadel Insurance p.l.c. kien jirrizulta kjarament illi l-esponent qatt ma' kellu jwiegeb jew igorr xi responsabilta ghall-alegata frodi li sehhet fit-3 ta' April 2012u dan peress illi huwa mhux biss ma' ibbenifikax mill-frodi mwettqa izda addirittura anqas kien partecipi jew a konoxxenza tal-atti mwettqa minn zewg terzi persuni.

Illi huwa ghalhekk ili s-sejbien ta'htija dwar it-tielet imputazzjoni ghandu jigi mhassar u konsegwentment anki tigi riveduta l-piena b' mod relattiv.

3. Illi l-esponent gie misjub hati bhala recediv erronjament u dan ghal zewg ragunijiet:

   (i) Ghar-ragunijiet indikati fit-tieni aggravju l-atti u l-imputazzjonijiet li taghhom l-esponent kelli jigu misjub hati (u cioe' l-imputazzjonijiet 1,2, 5 u 6) kienu sehhew qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 6 ta' Jannar 2012;

   (ii) Qatt ma' saret prova dwar jekk u meta giet skontata il-piena mposta fis-sentenza peress illi ma' hemm ebda prova jekk il-multa kienetx imhallsa, b' hekk m' huwiex maghruf minn meta beda jiddekorri il-perjodu ta' hames snin li ghandu jigi kkalkolat ghall-finijiet tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skoretta tal-ligi meta giet biex teroga l-piena dwar l-imputazzjonijiet dwar l-artikolu 308 u dan ghaliex huwa evidenti mill-kunsiderazzjonijiet illi ghamlet f' pagna 8 u 9 tas-sentenza appellata [fol 193 u 194 tal-atti] illi l-ewwel Qorti kienet qed tikkalkula l-piena skond id-disposti tal-artikolu 310 **KIF EMENDAT** fis-sena 2014 u cioe' wara d-data tal-kommissjoni tar-reati mertu tal-kaz odjern.

Illi huwa ghalhekk evidenti illi l-piena erogata kienet dik skoretta u per tant din ghandha tigi ridimensjonata b' mod Relattiv u adegwat li jirrifletti l-argumenti kollha mressqa f' dan l-appell.

5. Illi l-piena nflitta fuq l-esponent f' dan il-kaz kienet wahda manifestmanet eccessiva u gravuza u li lanqas remotament ma' taghmel tajjeb ghal dan il-kaz.

Illi f' dan il-kuntest b' zieda mal-argumenti mressqa f' kull aggravju migjub hawn aktar il' fuq, liema aggravji jekk akkolti diga awtomatikament ser jiggenneraw htiega ta' revizjoni u riduzzjoni tal-piena, l-esponent jirrileva illi l-piena mposta kienet eccessiva ghall-ragunijiet ohra li ser jirrizultaw ilkoll fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell fosthom izda mhux biss; (i) il-fatt illi kull persuna ohra salv tnejn li kienu involuta f' dan il-kaz ta' frodi sistematika ta' assikurazzjoni inghata piena alternattiva ghal dik karcerarja, (ii) l-allegat mohh u awtur ewelieni ta' din l-iskema ta' frodi inghata piena ferm u ferm aktar ridotta b' mod illi tkun ingustizzj kbira keikeu l-esponent jiehu l-piena fuq nflitta meta r-rwol tieghu kien biss wiehed marginali, (iii) illi f' kull kaz l-applikazzjoni ta' piena alternattiva u rifomrattiva bhala ordni ta' xoghol fil-kommunita taht l-Att dwar il-Probation kien ikun provvediment ferma aktar gust u adegwat.

Dwar dan l-aggravju l-esponent qieghed jirriserva illi jressaq il-provi opportuni kif permessi skond il-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-9 ta' Frar, 2021 fejn l-avukat difensur tar-rikorrenti stqarr li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi nhar id-19 ta' Novembru 2020 hija nulla stante li l-Qorti sabet lill-appellant hati ta' reat li ma kienx gie akkuzat bih waqt li l-Avukat Generali irremetta ruhu f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk din i-sentenza ser titratta biss l-ewwel aggrvju tal-appellant u cioe' in-nullita o meno tas-sentenza appellata ghar raguni sollevata minnu fl-ewwel aggravju tieghu.

Illi minn esami tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar id-19 ta' Novembru 2020 jirrizulta li l-appellant kien instab hati ta' akkuza riprodotta fis-sentenza bhala imputazzjoni numru 4 li tipprovdi s-egwenti u cioe:-

> "*aktar talli fis-17 ta' April 2010, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hamest elef ewro* ***(€ 5,000)***

*ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra;*[2] "

Jirrizulta mill-process li din l-akkuza fil-fatt ghalkemm tidher fic-charge sheet originarja tidher ukoll li kient giet kancellata u imahsra mill-ispettur Rennie Stivala (peress li l-firma tieghu aktar isfel fl-istess folio hija konsimili) qabel ma l-akkuzi gew moqrija u guramentati fill-konfront tal-akkuzat illum appellant odjern.

Illi ghalhekk sewwa qal l-appellant li huwa gie misjub hati u kkundannat ghall-akkuza li qatt ma' kienet ingiebet kontra tieghu, u ghalhekk qatt ma' kien wiegeb ghaliha fl-istadju tal-ezami tieghu kif kontemplat fl-artikoli 390 u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Li skond l-**artikolu 382 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il- Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat li jkun gie akkuzat bih.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-**artikolu 382** jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata.

Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-**artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali**. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[3] ; **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[4] ; **Il- Pulizija vs. Benjamin Muscat**[5]**; Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[6]**; Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[7]; **Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[8] ; **Il-Pulizija vs. Stefan Abela**[9] u ohrajn).

Illi f'dan il-kaz jidher li din il-Qorti mhux talli iccitat l-artikoli tar-reat hazin izda iccitat akkuza gdida li l-appellant ma kienx gie akkzuat bih u ghalhekk sabitu hati ta' reat li ma kienx gie akkuzat bih. L-ewwel Qorti ghalhekk sabet htija fl-appellant ta' reat li ma kienx imputat bih u dan minghajr ma kien hemm bdil fil-fatti tac-citazzjoni

[2] Fol. 188
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta' Settembru, 2003.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru, 2002.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Lulju 2002 u 28 ta' Gunju, 2002.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Settembru, 2004.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2005.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 .

jew raguni motivata ghaliex kienet qed tinsab htija fuq fatt izda mhux fuq iehor Ghalhekk kellu zieda fil-piena komminata minhabba sejbien ta' htija ta' akkuza li ma kellhiex tkun hemm.[10]

Illi ghalhekk jirrizulta li aggravju ta' l-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi fid-dawl ta' dak premess, is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti esenzjali li jitkellem dwaru l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex mhux talli naqset li ticcita artikoli tal-ligi li jirriflettu r-reati li kient qed issib lill-akkzuat hati izda iccitat reat meta r-rikorrenti ma kienx gie akkuzat bih.

Din il-Qorti sabeix ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-'*doppio esame*' sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddecidi l-kawza mill-gdid skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata. Tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien fiha qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddecidi l-kaz mill-gdid skont il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[10] Vide Il-Pulizija vs Mohamed Hamad Hussein deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta Dicembru 2016